# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 17**

**Avviz numru 314/00/SM**

**Hubert Mugliette ghan-nom tas-socjeta' estera Offshore Manning Services Limited**

**vs**

**Gordon Bartolo**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur nomine sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM272.16,0 rapprezentanti refuzjoni ta' drittijiet u spejjez inkorsi mill-atturi a beneficcju tieghu li saru dovuta stante li hu**

**naqas mill-obbligi kontrattwali tieghu skond ma kif jirrizulta mill-anness dokument mmarkat Dok. A;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra legali datata 16 ta' Novembru 1999 u bl-interessi legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-1 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-esponent kellu iusta causa biex ma jsifirx, ossia ragunijiet ta' sahha;**

**2. Illi bla pregudizzju u fil-mertu, l-ammont pretiz huwa esagerata kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' dini l-kawza;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni legali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-konvenut kien issottoskriva ruhu ghall-kuntratt mas-socjeta' attrici datat s-7 ta' Lulju ta' l-1999;**

**2. Illi nonostante dan il-konvenut naqas jottempora ruhu ma' l-istess kuntratt;**

**3. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici hu rizultat ta' dan l-inadempiment;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici hu dovut mill-konvenut stante li wara li gie maghllem u ittrenja, naqas jimpjega ruhu kif marbut bl-istess kuntratt;**

**Illi l-iskuzanti mressqa mill-konvenut fl-atti ta' din il-procedura mhix elenkati fil-kuntratt fuq indikat;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici hu dak ta' mitejn u tnejn u sebghin Lira Maltin u sittax-il centezmu, (LM272.16,0);**

**Illi ghalkemm il-kapi ndikati mis-socjeta' attrici huma ippruvati pero' tnejn minnhom ma humiex senjatament:**

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | **"Taxis and Logistics:** | **LM30.00,0** |
| **b.** | **"MDCP Medical Centre"** | **LM65.00,0** |
| **Total:** | | **LM95.00,0** |

**Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha bl-eccezzjoni tal-quantum lilha dovut u allura filwaqt li tirrespingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici bl-eccezzjoni ghall-quantum minnha mitlub, tilqa' t-tieni eccezzjoni u tillikwida d-danni fl-ammont ta' mija u seba' u sebghin Lira Maltin u sittax-il centezmu, (LM177.16,0), liema danni l-konvenut ghandu jhallasshom lill-istess socjeta' attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**